Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISA' LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 15**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 17 ta'Frar 2025 fil-16.40

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

15.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru.13 ġew approvati hekk kif ippreżentati. Il-Kunsillier M.Balzan ippropona u l-Kunsillier L. Vassallo ssekondat.

15.1.2 Il-Minuti tas-Seduta Nru.14 ġew approvati hekk kif ġew ippreżentati. Il-Kunsillier M. Balzan ippropona u l-Kunsillier A.Pisani ssekondat.

## 15.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

15.2.1 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-possibilta' li jiġu *towed* karozzi abbandunati. Is-SE nfurmat li l-Hot Road infurmaw li dan m'għadux joffri dan is-servizz u reġa' tentattiv ieħor mal-kumpanija Super Road Assistance.

15.2.2 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar l-installazzjoni ta' chair-lift biex jkun hemm aċċess għas-sala. Is-SE infurmat li wara li l-ewwel *bidder* (CR Techniks) ma onorax l-obligazzjonijiet ta' tender, kien hemm il-ħtieġa li jiġi avviċinat it-tieni *bidder* (Comfort Stairs). Dan ikkonferma li jista' jaħdem bl-istess rati li kien isottometta u għalhekk jekk il-Kunsill jaqbel jista' jinbeda' l-proċess. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti. Is-SE infurmat li la darba hemm qbil, se ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u *Compliance Section* ta' CRPD ħabba l-qisien ta' dan l-istess *chair lift*.

15.2.3 Il-Kunsillier M. Abela staqsiet jekk hemm xi indikazzjoni ċara minn naħa tad-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa dwar il-possibilita' li terġa' tibda' topera' l-berġa tas-saħħa mill-uffiċini tal-Kunsill. Is-SE infurmat li sa llum m'hemm l-ebda indikazzjoni. Il-Kunsillier M.Balzan informa li huwa se jkun qed jkompli jikkomunika ma' persuni li jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

15.2.4 Il-Kunsillier M.Abela staqsiet jekk il-leaflet li l-Kunsill kien marbut li jipprepara skont l-applikazzjoni dwar il-proġett tal-Madliena Trail ġiex iffinalizzat. Is-SE saħqet li jkun apprezzat jekk kull korrispondenza li tintbagħat tinqara fi żmien adattat sabiex kemm jista' jkun jiġu rrispetatti kemm *deadlines* li nkunu marbuta bihom kif ukoll b'rispett lejn il-persuni li jkunu qed jaħdmu fuq dak il-proġett partikolari. F'dan il-kaz wara iktar minn xahar, ġejna nnotifikati li m'hemmx qbil dwar write-up u għaldaqstant kellu jinbidel kollox. Is-SE infurmat li diġa' kkomunikat mal-*printer* dwar dan, u se jkun qed jagħmel l-arraġamenti meħtieġa.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

15.2.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk TM approvawx it-talba tal-Kunsill sabiex il-vetturi li jkunu neżlin minn Triq il-Marbat jkunu projbita milli jduru lejn lemin ( naħa ta' Paceville). Is-SE infurmat li m'hemm l-ebda approvazzjoni għalissa.

15.2.6 Il-Kunsillier T.Valentino staqiset jekk inbidlux *flushings* tal-*public toilets* tal-ġnien. Is-SE infurmat li dawn tbiddlu għal dawk tradizzjonali.

15.2.7 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet meta hija pjanata li ssir zebra-crossing fi Triq il-Keffa hekk kif kien approvat mit-TM. Is-SE infurmat li hekk kif se jitlestew ix-xogħlijiet tal-*heavy patching* ta' Triq il-Wiżna u Triq il-Barmil, se jkunu qed jiġu ppjanati dawn ix-xogħlijiet.

15.2.8 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet sabiex jintbgħat *reminder* lil Enemalta dwar meta qed jippjanaw li jibdew ix-xogħlijiet ta' tibdil tal-bozzoz għal LED. Is-SE infurmat li se tibgħat din it-tfakkira.

*Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa tiġi sospiża sabiex l-Accountant tal-Kunsill jkun jista' jispjega dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena 2024. Il-ħin kien 17.56.*

*Is-SE infurmat li s-sena 2024 għalaqniha b'deficit ta' €902.00. Is-Sindku nforma li din il-qagħda hija ferm inkwitanti għax jidher li dan deficit huwa marbut ma' diversi proġetti kapitali li saru matul is-sena 2024 u dan qed juri bi ċar li l-Kunsill se jkompli jsibha iktar diffiċli biex japplika għal skemi u għal proġetti oħra.*

*Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Balzan issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024. Is-SE infurmat li dawn se jkun qed jintbagħtu lil NAO, DLG u l-Awdituri.*

*Il-ħin kien 18.10.*

## 15.3 RAPPORT MIS-SINDKU

15.3.1 Is-Sindku ppreżenta rappor idettaljat tal-ħidma tiegħu mill-aħħar Seduta sa llum – App. A. Huwa offra l-kondoljanzi tiegħu lil familjari u ħbieb ta' Dun Victor Grech.

15.3.2 Huwa ppreżenta wkoll mozzjoni nru 2/2025 rigward l-proposta ta' isem ġdid tal-ġnien pubbliku ta' ħdejn il-Kunsill. Huwa propost li jissemma Ġnien Dun Victor Grech u li jsir bust għalih fl-istess ġnien. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.3 RAPPORT MIS-SINDKU

15.3.4 Is-Sindku nforma li nhar it-22 ta'Jannar, il-Kunsill kellu jixhed bħala xhud f'kawża tal-Qorti li fetħu kumpanija tal-scooters kontra diversi Kunsilli Lokali u TM. Is-SE infurmat li fil-każ tagħna, l-Avukat tal-Kunsill Dr. R. Fenech Adami deher f'isem dan il-Kunsill. Is-SE infurmat li talbet lil Avukat għal *update* dwar din il-kawża.

15.3.5 Fi 22 ta'Jannar, is-Sindku nforma li fil-preżenza tas-SE attenda għal laqgħa mal-Perit Kristina Cuschieri minn naħa ta' IM dwar il-pjan tal-ħidma minn naħa ta' din l-entita'. Waqt din il-laqgħa, huwa nforma li hemm diversi toroq li qegħdin fi stat vera ħażin u li issa bl-interventi li saru minn naħa tal-WSC żgur mhux se jsiru qabel 5 snin oħra. Hu ppreżenta lista ta' dawn it-toroq lil Perit Cuschieri u staqsa għal aktar għajnuna fejn jidħlu xogħlijiet ta' *patching.*

15.3.6 Fis-27 ta'Jannar, is-Sindku nforma li ltaqa' mal-kuntrattur li se jkun qed jaħdem fi Triq l-Għamad. Waqt din il-laqgħa, dan il-kuntrattur assigurana li se jkun qed jaħdem hekk kif titlob il-professjoni bl-inqas inkonvenjenza għar-residenti tal-madwar. Il-Perit tal-Kunsill se jkun qiegħed mitlub jżur dan is-sit, ħabba l-*boundary wall.*

15.3.7 Is-Sindku nforma li nhar id-29 ta'Jannar, saret sezzjoni minn IM fejn ħabbru l-ewwel erbatax-il Kunsill li se jkunu qed jibbenefikaw mill-iskema ta' Vjal il-Kulħadd. Skont konferma li l-Kunsill irċieva permezz ta' imejl, IM infurmaw li l-proposta tal-Kunsill ġiet milqugħa għas-sena 2026.

15.3.8 Nhar it-30 ta'Jannar, is-Sindku flimkien mal-Perit Rossignaud iltaqa' mal-iżvillupatur S. Chetcuti u l-Perit tiegħu. Il-Kunsill oġezzjona għal dan l-iżvillup minħabba punti tekniċi.

15.3.9 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri M.Abela u E.Rossignaud attendew għal laqgħa mal-Onor. Miriam Dalli nhar it-3 ta' Frar dwar il-possibililta' li l-Gvern Ċentrali jixtri l-art ta' biswiet il-Kunsill

15.3.10 Fis-6 ta'Frar, il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-GREENS nieda s-servizz tat-transport Pubbliku b'xejn għall-anjzani. L-appuntamenti għal skopijiet tas-saħħa bħal l-isptar Mater Dei u Health Centres se jingħataw prijorita'. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsillieri M.Abela u E. Rossignaud li ħadmu bi sħiħ biex jibda' jiġi offrut dan is-serviz kif ukoll lis-SE.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.3 RAPPORT MIS-SINDKU

15.3.11 Nhar il-11 ta'Frar, is-Sindku informa li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur Catbros Ltd dwar ix-xogħlijiet ta' *major patching* fi Triq il-Wiżna u Triq il-Barmil ( id-dawra tal-ġnien). Dawn ix-xogħlijiet issa tlestew kollha.

15.3.12 Flimkien mas-SE, is-Sindku nforma li nhar il-11 ta' Frar attendew għal laqgħa mas-Sur E. Vassallo u Sa. Tania dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill kif ukoll dwar il-possibilita' ta' żieda finanzjarja sabiex il-Kunsill jkun jista' jopera b'mod iktar effettiv u jlaħħaq ma' rikjesti tar-residenti sabiex jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja.

15.3.13 Is-Sindku nforma li fi 12 ta' Frar, flimkien mal-Kunsillier M.Abela attendew għal laqgħa li saret mas-Supretendent il-ġdid J.Busuttil. Waqt din il-laqgħa, ġew diskussi diversi punti bħal vandaliżmu, over-speeding, iktar miżuri ta' sigurta u storbju eċċessiv. Il-Kunsillier R. Scicluna talbet sabiex meta jsiru laqgħat ma' uffiċċjali tal-Pulizija ġodda, tapprezza jekk tkun infurmata minn qabel dwar dawn il-laqgħat sabiex il-Kunsillieri jkunu familjari wkoll mal-uffiċċjali tal-Pulizija.

15.3.14 Rigward il-problema ta' Triq il-Ġiebja k/m Triq Josef Kalleya, sfortutanament għadna mwaħħlin fil-parti ta' riċerki. Kemm is-Sindku kif ukoll is-SE se jkomplu jippersistu man-Nutar sabiex jiġi ffinalizzat dan il-proċess. Il-Kunsill għadu u se jibqa' jippersisti sabiex minflokk taraġ isir rampa u jkun hemm aċċess għat-traffiku. Rigward nuqqas ta' aċċesibilta', is-Sindku ssostna li jkun jaqbel jekk il-Kunsill jibda' jaħdem sabiex jiftaħ l-aċċess bejn Triq Josef Kalleya u Triq il-Qasam u għalhekk jkun jaqbel jekk jibdew id-diskuzzjonijiet ma' IM dwar din il-possibilta'. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

15.3.15 Is-Sindku ppropona li jsir planter fi Tiq il-Molletta k/m Triq l-Għamad peress li bħalissa għaddejin ix-xogħlijiet minn naħa ta' IM u WSC. Hu se jkun qed jistaqsi lil IM sabiex jagħmlu din il-planter. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE infurmat li TM għad irridu japprovawha.

15.3.16 Is-Sindku rringrazzja lil MTA talli provdew assistenza finanzjarja sabiex inxtraw bins ta' Ġnien MCC kif ukoll il-bankijiet għal Madliena (quddiem Fort Madalena).

15.3.17 Huwa rringrazzja wkoll lil SPI talli aċċetta talba tal-Kunsill sabiex isiru xogħlijiet ta' tiswijiet fis-sala tal-Kunsill. Dawn ix-xogħlijiet issa tlestew u s-sala issa tidher iktar pulita u organizzata.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.4 RAPPORTTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Viċi Sindku

15.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx il-possibilita' li jiġu miżrugħa siġar/arbuxelli ġodda fil-proġett tal-Madliena Trail. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li hekk kif jiġi stabilit kif u min se jkun qed jieħu ħsieb dan il-proġett, jistgħu jiġi ddentifikati xi postijiet.

15.4.2 Huwa staqsa jekk WSC hux se jkunu qed isewwu l-bankini li saru l-interventi fuqhom fi Triq il-Ħemel ( in-naħa ta' Triq is-Sirk). Is-Sindku nforma li skont l-aħħar informazzjoni minn naħa tal-WSC, dawn se jkunu qed jisewwu kull ħsara li kkaġunaw.

15.4.3 Il-Viċi Sindku rrimarka li jkun jaqbel jekk bejnietna jkun hemm iktar toleranza u rispett lejn xulxin. Il-Kunsillier M.Abela talbet sabiex ir-rispett jkun wieħed reċiproku sabiex kemm jista' jkun jiġu evitati kunflitti żejda li żgur ma jagħmlux ġid għall-operat tal – Kunsill. Il-Viċi Sindku talab sabiex jkun skużat minħabba li ħassu ddispjaċut bl-aġir ta' ċertu membri. Il-ħin kien 19.36.

Mill-Kunsillier M. Abela

15.4.4 Il-Kunsillier infurmat li waqt seduta ta' Reġjun Lvant, ġiet ppreżentanta l-proposta' li titwaqqaf Koperattiva tan-Nanniet sabiex jgħinu biex jwasslu tfal tal-iskola.

15.4.5 Rigward l-attivita' ta' Jum il-Mara, il-Kunsillier infurmat li mill-aktar fis għandna bżonn nippublikaw l-poster għal din l-attivita'. Matul din l-attivita' se jkunu qed jitkellmu Dr. T. Melilo, Cara Borg Aquilina, Dana Carmont u Carolyne Woods mill-FEM Community. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE infurmat li se tkun qed tieħu ħsieb li jieħu ppublikat l-poster mill-aktar fis.

15.4.6 Rigward l-iskema **SPI.SCI.02.2025 -** Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026, il-Kunsillier ippreżentat l-applikazzjoni għall-attivita kulturali ta' din is-sena li huwa propost li ssir bejn it-12 u l-14 ta'Settembru 2025. Kien hemm qbil uninamu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.4 RAPPORTTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier T. Valentino

15.4.7 Il-Kunsillier staqsiet kienx hemm xi żvilluppi dwar il-possibilita' li jsiru korsijiet bażiċi tal-kompjuter għall-anzjani. Is-SE infurmat li s-Sa. Bondin minn naħa tal-FITA qed tistenna l-konferma tagħna dwar liema suġġetti huma l-aktar preferuti. Il-Kunsillier T.Valentino se tkun qed tara' din il-lista u tinformaha.

15.4.8 Hija infurmat li nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar se jsir *party* tal-karnival għall-anzjani. Il-Kunsill se jkun qed jipprovdi s-sala u t-tindif relatat. Hija ħeġġet lil Kunsillieri sabiex jxerrdu l-kelma u jattendu għal din l-attivita'.

Mill-Kunsillier A. Pisani

15.4.9 Il-Kunsillier talbet sabiex jiġi rrifreskati s-sinjali tal-parkeġġ fi Triq il-Faxxina. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lill-kuntrattur responsabli.

15.4.10 Hija infurmat li fuq il-bankina fi Triq il-Miżura ( ħdejn childcare centre), hemm *gutter* tal-ilma tax-xita mkisser. Is-SE infurmat li dawn huma fir-responsabilta' tas-sidien li jaraw li dawn jinżammu fi stat tajjeb pero' se nkunu qed niċċekjaw eżatt x'irrid jsir u filkaz ninfurmaw lir-residenti kkonċernati.

*Il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 19.57.*

Mill-Kunsillier M.Balzan

15.4.11 Il-Kunsillier irringrazzja lill-istaff tal-Kunsill tax-xogħol siewi li jagħmlu ta'kuljum għar-residenti u li għalkemm jifhem li ċertu ġranet jista' jkun hemm xi diffikultajiet, ċert li l-għan ewlieni tagħhom huwa sabiex jkunu ta' servizz għaċ-ċittadin.

15.4.12 Huwa staqsa jekk hemmx xi raġuni speċifika għala l-van tal-anzjani jmur biss għax-xiri l-GREENS Supermarket. Il-Kunsillier M.Abela wieġbet li GREENS huwa l-unika entita' kummerċjali li qiegħed joffri €1,500.00 kull xahar lil Kunsill u għalhekk kien hemm dan il-ftehim. Il-Kunsillier M. Balzan informa li huwa ma jaqbilx ma' dan il-ftehim peress li jħoss li residenti huma limitati biss li jixtru minn għandu. Il-Kunsillier R. Scicluna infurmat li għalkemm tifhem li GREENS huma l-*main sponspor* , tajjeb li nikkunsidraw ħwienet oħra wkoll.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.4 RAPPORTTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier M.Balzan

15.4.13 Il-Kunsillier informa li fis-27 ta' Jannar, huwa attenda għal laqgħa li saret mir-Reġjun Lvant dwar il-possibilita' li jsir football tournament fis- 26 t'April. Hu nforma li se jkun qed jagħmel kuntatt mal-għaqdiet sportivi lokali dwar din il-materja.

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

15.4.14 Il-Kunsillier ippropona li jitneħħa l-ewwel *parking bay* ħdejn il-mina żgħira peress li dawk li jkunu mexjin qed issibu diffikulta' minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati f'din il-kaxxa. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil li dan għandu jitneħħa. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat.

15.4.15 B'referenza għal parti bejn Triq il-Qasam k/m Triq Sant Andrija, il-Kunsillier informa li hemm bżonn li nibqgħu nsostnu ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex din il-parti titwessa' sabiex intejbu l-aċċessibilta' tal-ħruġ/dħul mis-Swieqi. Is-Sindku nforma li kien hemm avviz legali kontra s-sidien ħabba l-parapett li qiegħed ħiereġ 'il barra.

15.4.16 Hu nforma li ta' spiss qed ikollu lmenti minn residenti li joqgħodu fi Triq is-Swieqi ( wara l-Ġnien FX Ebejer) minħabba li servizzi tal-emerġenza kif ukoll tal-posta mhux jirnexxilhom jaslu fejn jkun hemm bżonn. Huwa qed jipproponi li l-parti mmarkata tinbidel għal Triq il-Passiflora peress li din il-parti qiegħda bi dritt l-istess triq.




Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 15.4 RAPPORTTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

Rigward din il-proposta, Il-Kunsillier R.Scicluna infurmat li għalkemm tifhem li jkun hemm diffikulta' sabiex wieħed issib l-indirizz bl-eżatt, hija mihiex tal-opinjoni li d-dawra kollha tal-ġnien ssir kollha Triq Passiflora. Dan peress li hekk it-triq mhux se tkun triq sħiħa u dritta u xorta se jkun hemm diffikultajiet biex wieħed issibha mal-ewwel. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li nistaqsu lil Street Naming Committee dwar din il-proposta.

*Il-Kunsillier A.Pisani talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 20.21.*

Mill-Kunsillier R.Scicluna

15.4.17

## 15.5 APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru. 10 ġiet approvata hekk kif emendata. Il-Kunsillier R.Scicluna ipproponiet u l-Kunsillier E.Rossignaud issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din is-Seduta spiċċat fit-20.30. Is-seduta li jmiss hija skedata għal nhar is-17 ta'Marzu fl-4.30pm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv